MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2004

Numru 811/2005

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Anthony Buttigieg, iben
Spiridione, imwieled Pieta'
fil-5 ta' marzu, 1982
u
Daniel Lanzon, iben Alexander,
imwieled Pieta' fit-30 ta'
settembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli bejn il-11 u it-13 ta' settembru, 2005 ġewwa Ħal-Lija, Attard, Bormla u Msida u ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda –

1. fil-lejl ta' bejn il-11 ta' settembru, 2005 u it-12 ta' settembru, 2005, serqu Land Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBB 464, għad-dannu ta' Edward Wright minn ġewwa Mosta Road, Lija, liema serq hu aggravat bl-ammont bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. fit-12 ta' settembru, 2005, għal ħabta tal-5.00 a.m., serqu Hyundai Excel, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB 746, għad-dannu ta' Ventur Co. Ltd. minn ġewwa Farmhouse, Tiq Imdina, Attard liema serq hu aggravat bl-ammont, bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. fit-13 ta' settembru, 2005, għal ħabta tas-2.40 a.m., serqu ammont ta' flus li jaqbeż l-għaxar liri maltin (Lm10) iżda mhux il-mitt lira maltin (Lm100) minn ġewwa l-imħażen tal-kumpanija Kee Klamps, Triq Marina, Msida, għad-dannu tas-sidien ta' l-istess kumpanija, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-ħin;
4. fit-13 ta' settembru, 2005 u fil-ġranet ta' qabel xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100), meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
5. fit-12 ta' settembru, 2005 volontarjament ħassru għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamlu ħsara fil-karozza Land Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBB 464, għad-dannu ta' Edward Wright, liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50);
6. fit-12 ta' settembru, 2005 volontarjament ħassru għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamlu ħsara fil-karozza Toyota Vitz, bin-numru tar-reġistrazzjoni NKI 247, għad-dannu ta' Nikki Gatt, liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50);
7. fit-12 ta' settembru, 2005 volontarjament ħassru għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamlu ħsara fil-karozza Mercedes, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAS 964, għad-dannu ta' GG Auto Dealer, liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50);

8. bejn il-11 u it-13 ta' settembru, 2005, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer saqu vetturi, u cioe' Land Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBB464 u Hyundai Excel, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB 746, meta ma kienux koperti b'polza ta' assikurazzjoni għar-riskji ta' terżi persuni;

Anthony Buttigieg, waħdu –
9. talli jitqies reċidiv b'sentenzi tad-19 ta' ottubru, 1999 u tad-29 ta' ottubru, 1999 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru ddefinittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Daniel Lanzon, waħdu -
10. talli jitqies reċidiv b'sentenzi tal-25 ta' ġunju, 1998, tal-4 ta' mejju, 1999, tal-21 ta' jannar, 2000 u tat-12 ta' marzu, 2003 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu, kif ukoll talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti b'sentenza mogħtija fit-12 ta' marzu,2003.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' settembru, 2005 fejn l-imputati fil-ġurnata li tressqu l-Qorti ammettew minnufih l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Rat ir-rapporti tal-Probation Officers.

Semgħety lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tar-raba' akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1A)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat, dwar il-piena. Illi l-imputati ammettew fl-ewwel seduta ta' din il-kawza u ikkollaboraw bi sħiħ mal-pulizija. Għaldaqstant, tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' sentejn priġunerija. Inoltre, tissospendi lil kull wieħed mill-imputati minn kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar wara li jiskontaw il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------